

*#*arsa ħafifa lejn
**il-kumitati
parlamentari**



Parlament Ewropew



Ħarsa ħafifa lejn il-komitati parlamentari

Il-Parlament Ewropew huwa l-unika istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea eletta direttament.

Is-705 Membri tal-Parlament Ewropew jirrappreżentaw l-448 miljun ċittadin tal-UE.

Huma jiġu eletti darba kull ġumes snin mill-eletturi tas-27 Stat Membru.

Il-ħidma politika u leġiżlattiva tal-Parlament issir minn 20 kumitat permanenti u tliet sottokumitati, kull wieħed minnhom jeleggxi president u sa erba' viċi presidenti.

Fil-bidu ta' kull leġiżlatura ġidida, il-Parlament jiddeċiedi liema Membri se jpoġġu f'liema kumitati, abbażi tal-preferenzi espressi mill-Membri. Din hija deċiżjoni importanti, billi tiddetermina f'liema qasam se jikkonċentraw il-biċċa l-kbira tal-isforzi tagħhom.

Il-kumitati tal-Parlament jiżvolġu rwol kruċjali fit-tfassil tal-politiki, billi huma responsabbli mit-tħejja tal-pożizzjonijiet tal-Parlament, b'mod partikolari dwar proposti leġiżlattivi ġodda.



24 lingwa

Il-Membri tal-Parlament Ewropew jirrappreżentaw liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea. Kull Membru tal-Parlament Ewropew għandu d-dritt li jitkellem bil-lingwa uffiċjali li jagħżel hu. Id-dokumenti parlamentari huma ppubblifikati bl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE.

Eżempju ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja



Il-Kummissjoni Ewropea tfassal proposta leġiżlattiva, li tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.



Fi ħdan il-Parlament, il-ħidma leġiżlattiva hija bbażata fuq żewġ tipi ewlenin ta' eventi: laqgħat tal-kumitati u sessjonijiet plenarji.

1

Il-kumitati jwettqu ħidma parlamentari approfondita. Jeżaminaw il-proposti leġiżlattivi, jemendawhom u jivvotaw fuqhom waqt il-laqqħat ta' kull xahar tagħhom. Il-kumitati mbagħad jippreżentaw ir-rapport tagħhom lill-Parlament fis-sħuħija tiegħu.

2

Il-Parlament jadotta t-test tal-proposta leġiżlattiva waqt is-sessjoni plenarja tiegħu.



Ġaladarba jintlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-att imbagħad jiġi traspost fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u japplika għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea.


Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tpoġġi lill-Parlament u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq livell pariġġ. Tkopri firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-affarijiet ekonomiċi u monetarji, l-immigrazzjoni, l-enerġija, l-agrikoltura, is-sajd, it-trasport, l-ambjent u l-ħarsien tal-konsumatur.



Difatti, il-maġġor parti tal-liġijiet tal-UE huma adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.



II-proċedura tal-Baġit




(Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)

Wara d-dħul fis-seħħi tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament saħħaħ is-setgħat baġitarji tiegħi u issa jiddeċiedi dwar il-baġit annwali kollu tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, ta' min jiġi nnutat li l-Parlament għandu l-aħħar kelma.

Il-Parlament jiżvolġi wkoll rwol fl-affarijiet tal-politika estera u tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-Rappreżentant Ĝholi għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jikkonsulta l-Parlament fuq bażi regolari fil-materja ta' politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE.

L-approvazzjoni tal-Parlament hija meħtieja għal kull tkabbir tal-UE u għall-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali u ftehimiet internazzjonali oħra ma' pajjiżi terzi. Il-kumitat jagħimlu x-xogħol preparatorju.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew jiddedikaw ukoll enerġija konsiderevoli għall-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u għall-promozzjoni tal-valuri demokratiċi fid-dinja kollha. Il-Premju Sakharov għal-Libertà tal-ħsieb huwa l-qofol annwali tal-ħidma tal-Parlament f'dan il-qasam.



Kull xahar tiġi ddedikata ġimġha jew tnejn għall-ħidma tal-kumitatati. Matul il-laqgħat tal-kumitatati, I-Membri tal-PE jiddiskutu dwar rapporti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, jipproponu u jivvotaw fuq l-lemendi u jagħtu segwitu għan-negozjati mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.



KALENDARJU TAL-LAQGĦAT KOLLHA

Il-kumitatati jipparteċipaw b'mod attiv fid-definizzjoni tal-aġenda leġiżlattiva, pereżempju billi jagħtu kontribut qabel l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma annwali tal-Kummissjoni. Jiżvolġu rwol importanti fis-superviżjoni tal-aktivitajiet tal-UE billi jissorveljaw l-użu korrett tal-baġit tal-UE u l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni adottata u tal-ftehimiet internazzjonali.

Jorganizzaw ukoll seduti ta' smiġħ ma' esperti u jwettqu skrutinju ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE. Fil-fatt, qabel ma tkun tista' tiġi eletta Kummissjoni Ewropea ġidida, il-kummissarji nominati ġodda kollha jridu jiġu eżaminati mill-kumitatati li jittrattaw il-por-tafolli rispettivi tagħhom.



Għal kull suġġett, il-kumitati jaħtru Membru minn fosthom bħala rapporteur biex jiggwida l-proċess deċiżjonali kollu u l-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħi dwar il-kwistjoni.

L-abbozz ta' rapport ippreżentat mir-rapporteur jista' jiġi modifikat wara l-adozzjoni tal-emendi mressqa mill-Membri tal-Parlament Ewropew. It-test oriġinali u l-emendi, inklużi l-emendi ta' kompromess miftiehma mill-gruppi politiċi, imbagħad jiġu vvutati mill-kumitat kollu. Ir-rapport adottat mill-kumitat imbagħad jiġi ppreżentat lill-plenarja għall-approvazzjoni.



Il-Parlament jista' wkoll jistabbilixxi kumitati speċjali biex jittrattaw kwistjoni-jiet speċifiċi u għandu s-setgħha joħloq kumitati ta' inkesta biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' ksur jew amministrazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE. L-oqs-ma ta' attivită tagħhom ivarjaw pereżempju mill-kwistjonijiet finanzjarji, l-intelliġenza artifiċjali u l-aħbarijiet foloz għat-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħha pubblika.

Id-daqs tal-kumitati jvarja b'mod konsiderevoli, minn 25 membru għall-affarijiet legali għal 81 membru għall-ambjent, is-saħħha pubblika u s-sikurezza tal-ikel, fl-ewwel nofs tal-leġiżlatura 2019-2024. Il-kompożizzjoni tagħhom tirrifletti l-piż li għandu kull grupp politiku fil-Parlament fis-shuħħija tiegħu.

Il-Parlament Ewropew jiżvolġi rwol ta' gwida fil-promozzjoni tat-trasparenza u tal-ftuħ. Il-laqgħat tal-kumitati jintwerew f'xandira diretta fuq is-sit web tal-Parlament u l-pubbliku jista' jarahom fi kwalunkwe mument.

Dibattiti – xandira diretta fuq l-internet

Il-kumitati jiltaqqi darba jew darbtejn fix-xahar fi Brussell. Id-dibattiti tagħhom huma pubbliċi.

Il-maġġor parti tal-laqgħat jixxandru direttament fuq l-internet u huma disponibbli wkoll bħala vidjo fuq talba (VOD).

Il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 wassal biex jinfirex l-użu tat-teknoloġiji l-ġoddha, li jagħmluha possibbli li l-laqgħat isiru b'mod virtwali bid-disponibbiltà ta' interpretazzjoni simultanja, b'hekk tiġi permessa l-parteċipazzjoni mill-bogħod ta' dawk kollha involuti.

Segwi l-laqgħat f'xandira diretta fuq:

<https://multimedia.europarl.europa.eu/mt>



Appoġġ ta' esperti

Il-kumitat jirċievu konsulenza indipendenti u tagħrif espert bil-miktub (studji, briefings, analiżijiet fil-fond u testi oħra) mid-diversi servizzi ta' riċerka tal-Parlament, bħad-dipartimenti tematiki.




ĒZERCIJJI
ANALITIĊI TA'
SOSTENN

Jiġu organizzati sessjonijiet ta' ħidma u gruppi ta' esperti bil-ġħan li l-Membri tal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jressqu mistoqsijiet lill-experti dwar suġġetti assoċjati mal-aktivitāt parlamentari jew temi ta' attwalit, u jkollhom skambji ta' fehmiet magħħom.

Ara d-dokumenti kollha tal-experti fuq:

www.europarl.europa.eu/supporting-analyses/mt



Skedi informativi dwar l-Unjoni Ewropea

L-iskedi informativi jagħtu stampa ċara u konċiża tal-istituzzjoni-jiet u tal-politiki tal-UE, u tar-rwol li l-Parlament jiżvolġi fl-iżvilupp tagħhom. Huma disponibbli b'24 lingwa.

Ara l-Iskedi Informativi kollha:

www.europarl.europa.eu/factsheets/mt



SKEDI
INFORMATIVI



Il-kumitati u s-sotto-kumitati kollha

AFET

Affarijiet Barranin

EMPL

Impjegi u Affarijiet Soċjali

CULT

Kultura u Edukazzjoni

DROI

Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bnedem

ENVI

Ambjent, Saħħa Pubblika u Sikurezza tal-ikel

JURI

Affarijiet Legali

SEDE

Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difīża

ITRE

Industrija, Riċerka u Enerġija

LIBE

Libertajiet Ċivili, ġustizzja u Intern

DEVE

Żvilupp

IMCO

Suq Intern u Ħarsien tal-Konsumatur

AFCO

Affarijiet Kostituzzjoni

INTA

Kummerċ Internazzjonal

TRAN

Trasport u Turiżmu

FEMM

Drittijiet tan-Nisa u Ugwaljanza bejn is-Sessi

BUDG

Baġits

REGI

Żvilupp Reġjonali

PETI

Petizzjonijiet

CONT

Kontroll tal-Baġit

AGRI

Agrikoltura u Żvilupp Rurali



SIB IL-KUMITATI KOLLHA

ECON

Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

PECH

Sajd

FISC

Sottokumitat għall-Kwistjonijiet Fiskali

Il-Parlament jista' wkoll jistabbilixxi kumitati ta' inkjesta u kumitat speċjalji biex jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi.



Parlament Ewropew

Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni
Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterri

Verżjonijiet lingwistiċi

Din il-pubblikazzjoni hija disponibbi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż (il-lingwa tal-verżjoni oriġinali), bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-İzvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż.

Informazzjoni dwar il-pubblikatur

Awtur tal-pubblikazzjoni: Parlament Ewropew
Dipartiment responsabbi: Unità tal-Koordinament tal-Attivitajiet Editorjali u ta' Komunikazzjoni
 editorial-secretariat@ep.europa.eu

Il-manuskritt tlesta:

Marzu 2021
© L-Unjoni Ewropea, 2021

Ċaħda ta' responsabbiltà

Il-kontenut tad-dokument huwa r-responsabbiltà esklużiva tal-awtur(i) tiegħi u m'għandux jitqies li jirrappreżżoni uffiċċiali tal-Parlament Ewropew. Ir-riproduzzjoni u traduzzjoni ta' dan id-dokument għal finijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors. L-użu mill-ġdid għal finijiet kummerċjali jirrikjedi l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Parlament.

Drittijiet tal-awtur

Ritrat tal-binja, paġna 5 © Association des Architectes du CIC: Vanden Bossche sprl, CRV s.A., CDG sprl, Studiegroep D. Bontinck
Ir-ri-tratti u l-illustrazzjoni jiet kollha
© Shutterstock.com / © AdobeStock / © L-Unjoni Ewropea 2021 - Sors PE
L022095 MT



TITILFUHIEK -
KUMITATI

Sir af aktar dwar il-kumitati:
www.europarl.europa.eu/committees/mt

MT